MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2013

Avviz Numru. 46/2009

**Salvatore u Emanuela Farrugia**
(ID 429848M u 332470M)

vs

**Eric Saliba u Lilian Saliba**
(ID 183081M u 195581M)

Il-Qorti,

Rat l-avviz ippresentat mir-rikorrenti fil 5 ta' Frar 2009 fejn talbu lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihallsu s-somma ta' sebat elef, sitt mija u tlieta u hamsin Euro u tnejn u hamsin centezmu (€7,635.52), Dana l-ammont kien jirrappresenta tlett skadenzi ta' kera ta' hanut bl-isem ta' J&M Pizzeria" gewwa Wied iz-Zurrieq lilhom mikri abbazi ta' skrittura privatat datat 15 ta' Frar 2006, ammontanti ghal elfejn u tlieta u sebghin Euro u erbghatax-il centezmu (€2,073.14) kif ukoll bilanc ta' konsum ta' dawl u ilma tal-

istess hanut, illi kien jammonta ghal hamest elef, hames mija u tnejn u sittin Euro u tmienja u tletin centezmu (€5,562.38).

Rat illi fis 17 ta' Marzu 2009 l-intimata Lilian Saliba ippresentat ir-risposta taghha fejn sahqet li l-kunsens taghha fuq il-kuntratt ma zewgha Eric Saliba kien vizjat bi vjolenza fizika. Apparti minn hekk, sahqet illi l-kont tad-dawl u ilma huwa eccessiv.

Rat illi fl-istess gurnata, ossija fis 17 ta' Marzu 2009, l-intimat Eric Saliba ippresenta r-risposta tieghu fejn sahaq illi huwa kellu pussess tal-hanut sa' Ottubru 2006 u ghalhekk il-kera dovuta minn Novembru 2006 sa l-ahhar ta' Jannar 2007 ma hijiex dovuta. Huwa sahaq ukoll illi l-kont tad-dawl u ilma kien wiehed eccessiv.

Rat l-affidavit ta' **Salvatore Farrugia** ippresentat fil 25 ta' Mejju 2009 u d-dokumenti mieghu esebiti.

Rat ix-xhieda ta' **Joseph Caruana**, rappresentant tal-Water Services Corporation, moghtija fis 26 ta' Mejju 2009 u fit 30 ta' Gunju 2009 u dokumenti minnu ippresentanti.

Rat l-affidavit ta' **Liliana Saliba** ippresentata fis 26 ta' Jannar 2010.

Rat ix-xhieda moghtija minn **Eric Saliba** fis 26 ta' Jannar 2010 u il-kontro ezami tieghu dakinhar stess.

Rat ix-xhieda moghtija minn **Salvatore Farrugia** fil 15 ta' Gunju 2010 u fis 6 ta' Lulju 2010 in kontro ezami u id-dokumenti minnu ippreentati.

Rat ix-xhieda ta' **Annabelle Camilleri**, ufficjali fl-ufficju legali tal-Water Services Corporation moghtija fis 6 ta' Lulju 2010 u fid 29 ta' Marzu 2011 u d-dokumenti minnha esebiti.

Rat l-affidavit ta' **Anthony Xuereb** u **Mary Xuereb**, genituri ta' Liliana Saliba, ippresentati fl-14 ta' Dicembru 2011.

Rat illi fil 5 ta’ Ottubru 2012, wara illi l-konvenut, ghal darba ohra, kien naqas illi jidher sabiex jippresenta l-provi tieghu, il-Qorti kienet ghalqaet l-istdju tal-provi tieghu u ddifferiet il-kawza ghas-senetnza ghal 25 ta’ Marzu 2013.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-intimati Eric Saliba u Liliana Saliba, meta kienu ghadhom jghixu flimkien bhala mizzewgin, fil 15 ta’ Frar 2006 kienu krew minghand r-rikorrenti il-fond ‘J&M Pizzerija’ gewwa Triq Congreve, Wied iz-Zurrieq, Zurrieq, u dana ghal periodu ta’ erba snin, sena minnhom kiene ‘di fermo’ filwaqt illi t-tlett snin l-ohra kienu ‘di rispetto’.

Jirrizulta mill-ftehim illi gie ippresnetat mir-rikorrent a fol 18 tal-process bhala Dok SF1, illi l-kera kellha tkun ta’ ghaxar liri maltin (Lm10) kull jum u, fost afafrjiet ohra, l-intimati kellhom ihallsu il-kontjijet kollha relatati mal-operat tal-istess fond.

Mix-xhieda prodotti miz-zewgt partijiet, jirrizulta illi fl-ewwel xhur tal-kirja, kollox kien sejjer tajjeb, u ir-rikorrent kien imur regolarment fil-hanut mikri lill-intimati. Il-kontijiet tad-dawl u ilma kienu ghadhom ma darux fuq l-intimati, peress illi allegatament kellu jsir pagament da parte tal-intimati lill Enemalta u dawna talbu ftit zmien lir-rikorrent qabel ma jaghmlu dan.

Gara izda, illi f’Ottubru 2006, r-rikorrent nizel il-hanut u sabu maghluq u, meta indaga man-nies fil-vicin, huwa gie mgharraf li l-intimat kien ghalaq il-hanut. Sussegwentement, r-rikorrent iltaqa ma missier l-intimat li infurmah li t-tifel tieghu, ossija l-intimat, kien ghalaq il-hanut u kien ser jirritornalu c-cavetta.

Ir-rikorrent, meta sema hekk, oggezzjona ghal fatt illi kienu ser jigu lilu ritornati c-cwievet peress illi qal li l-kera

kienet ghal sena ‘di fermo’, u ghalhekk rrifjuta li jircievi c-cwievet.

L-intimat, da parte tieghu, meta gie rinfaccja bil-kont tad-dawl, irrifjuta li jhallsu peress illi sahaq li kien eccessiv u, di fatti, skond ix-xhieda tieghu, mar gewwa l-ufficcji tal-Enemalta sabiex jindaga dwar il-kont u, minkejja li halewhx jara il-kont peress illi kien ghadu fuq isem r-rikorrent, huwa gie mgharraf li kien eccessiv u gie riferut ghan ingineer sabiex jghinnu.

Tali ingineer sussegwentement mar gewwa l-hanut u ghamel l-indagni tieghu u wasal ghal konkluzjoni illi l-kont kellu jkun ferm anqas u zied jghid illi l-hanut kellu l-problemi u kellu jitlaq minn hemm. L-istess ingineer ghamillu karta bil-kont kemm kellu attwalment ikun. Madanakollu, l-intimat Eric Saliba, tul il-proceduri kollu, la kien ‘pusizzjoni jindika minn kien tali ingineer u wisq anqas ma kien f’pusizzjoni illi jippresenta d-dokument illi allegatament lestilu.

Sussegwentement, il-kwistjoni giet riferuta lill-avukati tal-partijeit u, fi Frar 2007, ic-cwievet tal-hanut tregghu lura lir-rikorrenti tramite l-avukat tal-intimat, izda ftehim ma ntlahaqx u ghalhekk il-kawza odjerna kellha tinfetah.

L-intimata Liliana Saliba, da parte taghha, sahqet illi hija qtat ma riedet tikri il-hanut izda kienet imgieghla taghmel hekk mir-ragel taghha ghax kien heddidha illi ser jehodilha t-tifla. Madanakolu, kif jirrizulta ix-xhieda tar-rikorrenti, l-intimata u il-genituri taghha kienu regolarment morru il-hanut jghinu fit-tmexxija tieghu u dana minkejja tali oggezzjoni registrata mill-intimata. Hija stqarret ukoll illi f’Mejju 2007 bdew proceduri ta’ separazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi prodotti quddiemha, il-kwistjoni tidher illi hija wahda cara hafna.

Di fatti, kif jirrizulta mill-provi, r-rikorrenti krew hanut ghal erbgha snin, sena minnhom di fermo, u, wara disgha xhur, l-intimati riedu jitterminaw il-kirja. Apparti minn hekk, jidher illi fil-periodu tal-operat tal-hanut da parte tal-intimati, tela kont tad-dawl li l-istess intimati kienu qed jikkontestaw bhala eccessiv.

Ir-rikorrenti jishqu illi, la darba il-kuntratt kellu periodu ‘di fermo’, allura, l-itnimati kellhom ta’ bilfors ihallsu ghall-peridu ‘di fermo’. Apparti minn hekk, la darba inghatalhom biss lura c-cavetta tal-post fi Frar 2007, l-intimati kellhom il-pussess tal-hanut sa meta ic-cavetta inghadiet lura lir-rikorrenti.

L-intimat Eric Saliba, da parte tieghu, jishaq illi huwa kellu pussess sa Ottubru 2006, meta ghalaq il-hanut, u ghalhekk kellu jhallas kera sa dakinhar, filwaqt illi sahaq ukoll illi la darba il-kont tad-dawl kien f’isem ir-rikorrent u ma ngiebet ebda prova illi sar il-hlas, allura l-hlas tad-dawl ma kienx dovut.

L-intimata Liliana Saliba, da parte taghha, sahqet illi, peress illi hija kienet imgieghla tiffirma mir-ragel taghha, illi minnu eventwlament hija bdiet proceduri ta’ separazzjoni, hija ma kellha tbaghti ebda spejjez peress illi l-kunsens taghha kie vizzjat.

## Ikkunsidrat

Illi l-kuntratt kien jistabilixxi periodu ‘di fermo’, ghal liema periodu il-partijeit kienu kollha ftehimu, li kien ta’ sena, u ghalhekk, l-intimati kienu obbligaw ruhhom illi, jigri x’jigri, huma kienu ser izommu l-hanut ghal perioud ta’ sena. Il-fatt illi huma ghalqu il-hanut wara biss disa xhur ma jnaqqas xejn minn tali obbligu.

Apparti minn hekk, jirrizulta car illi attwalment il-pussess tal-hanut inghadda biss fi Frar 2007 u certament r-rikorrenti, qabel Frar 2007, ma kienu f’ebda posizzjoni illi jiehdu lura l-hanut la darba c-cwievet kienu ghadhom ghand l-intimat.

Illi, dwar il-kont tad-dawl u ilma, jirrizulta ben ippruvat illi, fil-periodu li l-intimati kienu fil-pussess tal-hanut, sar konsum tad-dawl, liema konsum gie debitament certifikat mix-xhieda tal-Water Service Corporation. L-intimat Eric Saliba jipprova jghid illi tali kont kien esagerat u anke zeffew ingineer fin-nofs biex jipprova jiggustifika tali skuza, izda lanqas biss kien kapaci jippresenta ebda dokumentazzjoni illi ghamel tali ingineer u lanqas biss kien jaf min hu tali ingineer, u ghalhekk il-Qorti ma tista bl-ebda mod tiehu tali difiza bis-serjeta.

Illi l-intimata tishaq illi hija kienet imgieghla tiffirma il-kuntratt mir-ragel taghha ta' dak iz-zmien. Il-Qorti, filwaqt illi ma hijiex ser tidhol fil-meritu dwar jekk kienetx imgieghla jew la taghmel hekk, tinnota illi jekk attwalment kienetx imgieghla jew le, xorta wahda acettat illi tiffirma il-kuntratt u, di piu, kienet tmur il-hanut regolarment flimkien ma missierha sabiex jginu fit-tmexxija tal-hanut. Apparti minn hekk, il-kwistjoni dwar jekk kienetx imgieghla jew le hija kwistjoni illi hija trid tirrizolvi mal-intimat ragel taghha u certament ma ghandha ebda effett fuq ir-rikorrenti illi kien il-persuna illi, in buon fede, kera il-hanut lill-intimati.

Ghalhekk, l-eccezzjonjiet kollha imressqa mill-intimati ma jregux.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotti mill-partijiet u d-dokumenti ippresentati.

Wara illi semghet lill-partijiet u rat in-noti ta' sottoissjonijiet tar-rikorrenti u ta' Liliana Saliba.

Taqta u tiddeciedi billi

Filwaqt illi **tichad** l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati.

**Tilqa** t-talbiet attrici u tikkundanna lill-intimati Eric Saliba u Liliana Saliba ihallsu s-somma ta' sebat elef, sitt mija u hamsa u tletin Euro u tnejn u hamsin centezmu (€7.635.52) kif ahjar deskritt fl-avviz bl-imghax kummercjali mit-12 ta' Settembru 2008 sad-data tal-pagament effettiv.

**Spejjez** tal-proceduri odjerni inkorsi mir-rikorrent u tal-ittra ufficjali 3785/08 kif ukoll dawk inkorsi mill-intimata Liliana Saliba fil-proceduri odjerni ghandhom jithallsu esklussivament mill-intimat Eric Saliba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------